GUDJA

Minuti tal-wieħed u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 22 ta' Marzu 2012.

Preżenti:

Sindku: John Mary Calleja
Viċi-Sindku: Romeo Baldacchino
Kunsillieri: Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace u Anthony Dalli

1. Approvazzjoni ta' minuti – 40/6 (29 ta' Frar 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Viċi-Sindku
    c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti
    b. Ittri li ntbagħatu
    c. Ittri li rċevejna

4. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar- Progress

5. Aġġudikazzjoni ta' tenders:-
    a. GLC/01/2012 – Road works
    b. GLC/02/2012 – Footpaths and Pavements works
    c. GLC/03/2012 – General maintenance
    d. GLC/04/2012 – Patching works
    e. GLC/05/2012 - Parks & Gardens

6. Attivita fit-28 u 29 t'April 2012 – Lejl Speċjali, Kulturali, Artistiku Gudjan

7. Finanzi
    a. Petty Cash
    b. Skeda ta' pagamenti
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

## 1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 40/6 (29 ta' Frar 2012)

1.1 Il-minuti 40/6 tal-laqgħa tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2012 li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2.0 Materji li tqajmu mill-minuti

1.2.1 Tema 2.2.3 – Kont pendenti. Is-Sindku qal li xtaq jippreċiża dwar il-ħofor jew dik ta' €70.00 jew bi prezz ta' €361.08 (u mhux ta' €230.00) u fuq parir tal-Peirt tal-Kunsill huwa mar fuq il-prezz ta' €70.00.

2.2.2 Tema 2.1.1 – xogħlijiet ta' resurfacing ta' toroq. Is-Sur Baldacchino staqsa jekk il-Kunsill kienx talab stimi dwar ix-xogħol ta' asfaltar fi Triq San Pawl, Gudja.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill ġibed lista ta' mhux anqas minn għaxar toroq fil-Gudja u bagħat lill-awtoritajiet dwar xi xogħol ta' bini u xogħlijiet meħtieġa f'dawn it-toroq u bankini tagħhom li sejjer issir fihom sabiex meta jintgħażel il-kuntrattur wara s-sejħa tal-offerti u l-evalwazzjoni tagħhom il-Kunsill ikun jista' jinkariga lill-Perit sabiex joħroġ l-istimi ta' kull triq u wara l-Kunsill ikun jista' jinbarka fuq ix-xogħlijiet skond il-prijorita u ħtieġa tagħhom u kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

2.2.3 Tema 2.3.1 – Attivitajiet Sportivi. Fuq mistoqsija tas-Sur Baldacchino is-Sur Sammut spjega li għal din is-sena l-korsijiet sportivi żdiedu iżda l-ispejjeż għal dawn l-korsijiet sejrin jinqassmu mal-KMS fuq bażi ta' 50% mill-KMS u 50% mill-Kunsill Lokali Gudja.

2.2.4 Tema 2.1.3 – laqgħa ma' Trasport Malta (TM). Is-Sur Dalli qal li l-progress ma' TM dwar ir-rotot li jaqdu l-ħtiġijiet tar-residenti tal-Gudja huwa bil-mod wisq u hemm il-ħtieġa li s-servizz għar-Raħal Ġdid jibda mingħajr aktar dewmien.

F'dan l-istadju sar suġġeriment illi l-Kunsill għandu jitlob lit-TM sabiex is-servizz tar-rotta 135 minflokk li titlaq minn ħdejn il-Fortizza tal-Qajjenza tibda titlaq minn ħdjen il-Kavallerizza, Marsaxlokk. Is-Sindku wieġeb li dwar is-servizz lejn Raħal Ġdid huwa maħsub li jibda fil-bidu ta' Mejju 2012.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kollu jinsab ferħan li s-Sur Dalli reġa lura fil-ħidma tiegħu fil-Kunsill wara li għal xi żmien kien jinsab indispost.

2.1.2 Ħruġ mit-Triq Raymond Caruana Gudja – funerali. Is-Sindku qal li Triq Raymond Caruana hija triq li minnha toħroġ biss ħlief għas-servizz tal-funerali. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi preżenti minħabba l-Arriva tiltaqa ma' funeral qed jinqala kunfużjoni u dan

mhux sewwa għax ikompli idejjaq bla bżonn għal min ikun qed jieħu sehem fil-funeral tal-għeżiż tiegħu. Is-Sindku qal u għalhekk kien qed jitlob lill-Pulizija sabiex il-funerali jkunu jistgħu joħorġu jew minn Triq San Ċiru jew minn Triq William Baker skond kif ikun meħtieġ u li l-funeral ikun jista' jimxi bid-dinjita kif tixraq.

Funeral ikun jista' joħroġ minn Triq Raymond Caruana biss meta jkun akkumpanjat mill-banda u jkun hemm servizz tal-Pulizija u l-Kunsill jiġi infurmat dwar l-arranġamenti li direttur tal-funeral ikun għamel sabiex għal ħruġ tal-funeral l-Arriva ma tidħolx minn Triq Raymond Caruana.

2.1.3 Bozza fi Triq l-Għelejjel quddiem il-Pet Shop. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jirċievi ħafna ilmenti li din il-parit tat-triq mhux imdawla sewwa u għalhekk hemm bżonn ta' bozza oħra. Il-Kunsill qabel li japplika mal-ARMS skond il-proċeduri l-ġodda dwar dan is-servizz.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Is-Sur Baldacchino qal li xtaq jirringrazzja lill-GreenPak u lir-residenti kollha tal-Gudja dwar il-ħidma fil-qasam tas-seprarazzjoni tal-iskart u l-koperazzjoni dwar il-ġbir tal-iskart seprat fil-boroż il-ħodor li ġew imqasma mill-GreenPak b'xejn lir-residenti kollha tal-Gudja.

2.2.2 Bankijiet ħdejn in-niċċa tad-Duluri li tinsab fl-inħawi tal-Palazz ta' Bettina Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li issa wara li ġew imnaddfa u msebħa dawn l-inħawi qed ikun hemm nies jitolbu quddiem din in-niċċa u jifrekwentaw dawn l-inħawi. Is-Sur Baldacchino qal li jkun xieraq li l-Kunsill jixtri żewġ jew tlett bankijiet sabiex minn ikun jixtiq ikun jista' joqgħod bil-qegħda bla tfixkil. Il-Kunsill qabel li jinxtraw xi tlett bankijiet li jirrispetaw l-ambjent.

2.2.3 Laqgħa mal-Ministru Dr. Carmel Mifsud Bonnici u Dr. Jason Azzopardi fl-intorduzzjoni tar-ROSPA dwar il-fondi dwar il-ħtiġijiet tal-playing fields fil-Gudja u fl-inħawi tal-madwar. Is-Sur Baldacchino qal li kien jinsab infurmat illi l-proċess dwar dawn il-fondi għadu sejjer skond kif intqal waqt il-launch tar-ROSPA.

Is-Sur Baldacchino qal li fiċ-ċirkustanzi hemm bżonn li l-fondi meħtieġa jaslu għaliex l-ħtiġijiet tal-playing fields ġewwa l-Gudja huma urġenti u għandhom jingħataw prijorita.

2.2.4 Għotja ta' siġar mill-MIA. Is-Sur Baldacchino qal li kien ġie imwiegħed madwar 100 siġra sabiex isebbħu l-ambjent tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li uħud minnhom jistgħu jitħawlu ħdjen il-Palazz ta' Bettina, Ġnien Xlejli u qrib il-grawnd tal-football.

Is-Sur Baldacchino qal li huwa mixtieq li jitneħħa l-oleander minn Vjal it-Torri (u jkun jista jitħawwel x'imkien ieħor). Il-Kunsill qabel li

jitlob il-kuntrattur is-Sur Mario Spiteri sabiex jaqla l-oleander u jgħin fit-tħawwil ta' siġar li l-Kunsill sejjer jirċievi mingħand l-MIA taħt id-direzzjoni tal-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark-Anthony Sammut

a. Maratona bir-rotti fl-inħawi Ta' Loretu fil-Gudja. Is-Sur Sammut qal li din l-attivita sejra ssir il-Ħadd 22 t'April 2012 fid-8.45p.m.. Għal din l-attivita l-Kunsill kien qed jiġi mitlub u aċċetta li jħallas l-ispejjeż ta' Pulizija sabiex ikun hemm is-sigurta meħtieġa.

b. Aerobics. Is-Sur Sammut qal li huwa maħsub lid an jibda fi żmien qasir.

c. Sports for All. Is-Sur Sammut qal li qed issiru tħejjijiet li dawn issiru fis-sibtijiet u b'hekk ikunu jistgħu jitgawdew minn numru kbir ta' residenti tal-Gudja.

2.3.2 Osvaldo Pace

a. Attivita – Lejla Gudjana – 28 u 29 t'April 2012. Is-Sur Pace qal ili għal din l-attivita li l-Kunsill kien ġie imwiegħed s-somma ta' €2000.00 huwa kien qed jaħdem flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill kif ukoll mas-Sur Mario Gatt, Ms. Demelsa Grech u s-Sur Stefan Caruana. Is-Sur Pace qal li din l-attivita sejra tikkonsisti f'siltiet mill-oratorju ta' Santa Marija u attivitajiet oħra fosthom Mass Band miż-żewġ baned tal-Gudja, mużika ikel malti, fjakkolata u żjajjar fil-Kappella ta' Bir Miftuħ.

Is-Sur Pace qal li għal din l-attivita hemm stima ta' €3500.00 li kif diġa sejrin jinkisbu s-somma ta' €2000.00 u l-€1500.00 jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din in-nefqa u qabel ma' dak li qal is-Sur Pace.

Is-Sur Pace qal li huwa maħsub li waqt din l-attivita sejra tiġi preżentata l-mappa turistika tal-Gudja li għandha tkompli tistabilixxi lill-Gudja bħala post ta' interess turistiku.

Is-Sur Pace qal li bħala pubbliċita sejrin jitqassmu madwar 5000 leaflet li sejrin jiġu sponsorjati mill-Mc Donalds u sejjer jitwaħħal poster qrib il-Kappella ta' Bir Miftuħ f'Dawret il-Gudja.

b. Visita ta' Fayetteville Group mill-Armerika. Is-Sur Pace qal li l-visita ta' Fayetteville Group kienet suċċess u kien mistenni li sejra tħalli effett pożittiv fuq il-Gudja.

c. Jum il-Qari 2012. Is-Sur Pace qal li Jum il-Qari 2012 sjera sir fis-27 t'April 2012 u qed issir ħidma flimkien mal-iSkola Primarja

Gudja Kulleġġ San Benedittu u l-iSkola St. Joan Antide. Il-Kunsill qabel li jħallas l-ispejjeż fuq bażi ta' snin preċedenti.

2.3.3 Anthony Dalli.

a. Sleeping policeman Vjal it-Torri katuniera ma' Triq Filippu Castagna Gudja. Is-Sur Dalli qal li hemm ħtieġa ta' din l-isleeping policeman sabiex jiġi evitat sewqan żejjed u jevita inċidenti li jistgħu ikunu serji.

b. Parking fi Triq San Mark, Gudja. Is-Sur Dalli qal li hem mil-ħtieġa ta' eżerċizzju dwar l-immaniġjar tat-traffiku għaliex ir-residenti qed isibu diffiċli li jipparkjaw l-vetturi tagħhom.

Is-Sur Sammut wieġeb li qed issir eżerċizzju dwar it-traffiku u l-parking fi Triq Ħal Resqun u Triq iż-Żebbuġa kif ukoll dwar il-loading/unloading bay fi Vjal it-Torri sabiex TM tintalab tawtorizza is-sistema ta' residential parking u b'hekk ir-residenti tal-Gudja jkunu jistgħu jipparkjaw mingħajr tfixkil żejjed.

c. Traffic lights ħdejn l-Arjuport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni sabiex dawn it-traffic lights issiru bal aktar dewmien. Is-Sindku wieġeb li l-proċess beda izda jihder li waqaf f'xi sezzjoni ta' TM u għalhekk sejra ssir kull pressjoni possibli għaliex mhux aċċettabli għal Kunsill li r-residenti tal-Gudja jitqegħdu f'riskju minħabba nuqqas t'azzjoni minn ħaddieħor.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Lista ta' l-ilmenti. Il-Kunsill ġie infurmat li l-ilmenti qed jiġu konsidrati malli jaslu għand il-Kunsill u jibqgħu jiġu segwiti kif ikun meħtieġ għas-sodisfazzjoni ta' min ikun ressaq l-ilment għand il-Kunsill.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħtu mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li rċieva l-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kemm fuq bażi individwali kif ukoll b'mod kollettiv sabiex jinkiseb progress li jkun meħtieġ dwar il-ħidma pożittiva u s-suċċess tal-Kunsill b'risq ir-residenti tal-Gudja.

## 4.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar - Progress

4.1 Il-Kunsill ikkonsidra li l-progress dwar dan il-proġett li jidher li wasal li jkun komplu ħlief għal xi xogħlijiet żgħar u tiswijiet meħtieġa. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-Awotrita tad-Djar keient sejra tagħmel attivita f'dan il-qasam tad-djar, preċiżamenti fl-apparatmenti fil-11 t'April 2012 fid-9.00a.m. u li f'din l-attivita sejrin jiġu iffirmati kuntratti ġodda ma' bosta Kunsilli Lokali li daħlu fl-iskema dwar ir-riġenerazzjoni tal-bini fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern u b'hekk l-Awtorita' tad-Djar tkun tista turi kif jitwettaq il-proġett.

4.2 Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Awotrita tad-Djar sabiex jingħata programm dwar din l-attivita tal-11 t'April 2012.

**5.0 Aġġudikazzjoni ta' tenders:-**

- **a. GLC/01/2012 – Road works**
- **b. GLC/02/2012 – Footpaths and Pavements works**
- **c. GLC/03/2012 – General maintenance**
- **d. GLC/04/2012 – Patching works**
- **e. GLC/05/2012 - Parks & Gardens**

5.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-offerit u qabel li għal dawn l-offerti (ħlief għal dik ta' GLC/05/2012 – Parks and Gardens) jitlob il-Perit tal-Kunsill sabiex jgħin lill-Kunsill fl-aġudikazzjoni tiegħu u wara lijagħmel rapport, jippreżenta dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni xierqa tal-Kunsill.

**6.0 Attivita fit-28 u 29 t'April 2012 – Lejl Speċjali, Kulturali u Artistiku Gudjan.**

6.1 Il-Kunsill awtorizza li jkomplu t-tħejjijiet meħtieġa sabiex din l-attivita tkun ta' suċċess u ta' ġieħ għal Gudja.

**7.0 Finanzi**

7.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' € ta' Frar 2012 kif ippreżentata lill-Kunsill.

7.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2012 għas-somma totali ta' €23879.86 ġie approvata kif ippreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda tal-pagamenti.

Is-Sur Baldacchino qal li ma kienx qed jaqbel mal-pagamenti dwar Denfar Concrete Supplies Ltd għas-somma ta' €2168.21 u dan għar-raġunijiet li kien semma fl-laqgħat preċedenti tal-Kunsill.

Is-Sur Dalli qal li kien qed jastjeni dwar din it-tema peress li ma kienx preżenti waqt din il-laqgħa u ma setgħax jagħti l-gudizju tiegħu dwar dan il-pagament.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u nefqa kif indikati f'dawn il-minuti.

7.3.2 Xogħol ta' mirja. Il-Kunsill qabel li jisr eżerċizju ta' mirja fejn meħtieġ fil-Gudja sabiex b'hekk jonqsu l-inċidenti fit-toroq speċjalment meta wieħed ikun qed isuq fil-blind corners.

7.3.3 Streaming tal-laqgħat. Il-Kunsill qabel li jsir studju tal-ispejjeż dwar dak meħtieġ jekk u meta l-Kunsill jiddeċiedi li jxandar il-laqgħat tal-Kunsill b'mod dirett.

Il-Kunsill jixtieq jikseb informazzjoni dwar l-apparat meħiteġ u l-ispiża kapitali kif ukoll l-ispiża kurrenti dwar dan ix-xandir.

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Relazjoni ma' Din l-Art Ħelwa dwar il-kappella ta' Bir Miftuħ u l-inħawi tal-madwar. Il-Kunsill qabel li jibdew taħdidiet dwar din il-Kappella li tinsab fil-konfini tal-Gudja sabiex il-Kunsill jkun jista' jagħmel użu xieraq ta'din il-kappella filwaqt li jkompli jgħin lil Din l-Art Ħelwa fil-manteniment ta' din il-Kappella u fl-inħawi tal-madwar.

8.2 Quartely accounts għax xhur minn Ottubru sa' Diċembru 2011. Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' dawn l-accounts u approva dawn il-kontijiet u ġie deċiż li jigu iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u wara jiġi preżentati lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond il-proċeduri eżistenti.

***Aġġornament***

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 t'April 2012 fuq agenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________